**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**S.T.O. Prim Imħallef Dr Joseph Azzopardi LL.D.**
**Onor. Imħallef Dr Joseph Zammit McKeon LL.D.**
**Onor. Imħallef Dr Giovanni M. Grixti LL.D.**

**Seduta ta' l-Erbgha 13 ta` Frar 2019**

**Ammissjoni Nru. 3/2016**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Lorena Vanessa Hernandez Munoz**
**Hector Antonio Montenegro Martinez**

**Il-Qorti** :

**I. L-imputazzjonijiet**

**1.** Illi l-akkuzati kienu mixlija talli :

F'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer fl-10 ta' Awwissu, 2015 u matul il-gimghat ta' qabel :-

a) Assocjaw rwiehom ma' xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex jbieghu jew jittraffikaw f'dawn il-Gzejjer medicina (kokajina), bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta jew

ippromovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw tali assocjazzjoni, sabiex tigi importata f'Malta id-droga kokajina u dan bi ksur tal-artikolu 22(1) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta ;

b) Importaw, jew gieghelu li tigi importata jew ghamlu xi haga sabiex tigi importata medicina perikoluza (kokaina) f'Malta, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta ;

c) Kellhom fil-pussess taghhom id-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienux bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzati li jimmanifatturaw, jew li jfornu d-droga msemmija u meta ma kienux b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollhom d-droga msemmija ghall-uzu taghhom skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 393/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li turi li ma kienitx ghall-uzu esklussiv taghhom.

**2**. Illi l-Qorti kienet mitluba sabiex f`kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputati jhallsu l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**3**. Illi l-Qorti kienet mitluba ukoll sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali l-flejjes u l-propjeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-imputati jew huma propjeta' taghhom, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-imputati milli jittrasferixxu jew xort' ohra jiddisponu minn xi propjeta' mobbli jew immobbli, ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

## II. L-ammissjoni

**4.** Illi fl-udjenza ta` quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Stuttorja tas-27 ta' Settembru 2016, Lorena Vanessa Hernandez Munoz ("**Hernandez Munoz**") u Hector Antonio Montenegro Martinez ("**Montenegro Martinez**") ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra

taghhom u kkonfermaw l-ammissjoni taghhom, anke wara li l-Qorti akkordatilhom zmien biex jikkunsidraw l-ammissjoni.

## III. In-nota tal-Avukat Generali

**5.** Illi b`nota li pprezenta fis-26 ta` Ottubru 2016, l-Avukat Generali ddikjara li ai termini tal-artikolu 392B(2) tal-Kap IX tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputazzjonijiet kif addebitati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja u li ghalihom l-imputati rregistraw l-ammissjoni fuq imsemmija, ghandhom jitqiesu bhala Att ta' Akkuza ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

## IV. Il-patteggjament dwar il-piena ta` bejn l-Avukat Generali u Hernandez Munoz

**6.** Illi l-Avukat Generali u Hernandez Munoz ipprezentaw rikors konguntiv quddiem il-Qorti Kriminali fejn iddikjaraw illi kienu qablu ai termini tal-art. 392B(5)(a) tal-Kodici Kriminali u talbu lill-Qorti sabiex timponi fuq Montenegro Martinez piena ta' prigunerija effettiva ghall-perjodu ta' dsatax (19) il-sena, flimkien ma` multa ta' erbghin elf ewro (€40,000), u dan wara l-applikazzjoni tal-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta b' zewg gradi, u dan oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza ohra konsegwenzjali ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija ai termini tal-Kapitoli 9 u 101 tal-Ligijiet ta' Malta, inkluz il-konfiska ta' kwalunkwe flejjes u tal-propjeta' mobbli u mmobbli appartenenti lill-istess Lorena Vanessa Hernandez Munoz.

## V. Il-posizzjoni ta` Montenegro Martinez dwar il-piena

**7.** Fil-kaz ta` Montenegro Martinez, ma kienx hemm patteggjament dwar il-piena.  Ghalhekk ma saret l-ebda talba konguntiva lill-Qorti Kriminali kif sar fil-kaz ta` Hernandez Munoz.

## VI. Is-sentenza tal-Ewwel Qorti

**8.** B`sentenza li tat fit-12 ta` Lulju 2017, il-Qorti Kriminali, wara li rat l-atti kollha tal-kawza, il-fedina penali aggornata tal-akkuzati, u l-ammissjoni kkonfermata taghhom, iddikjarathom hatja t-tnejn tal-akkuzi kollha dedotti kontra taghhom (*supra*).

**9**. Illi l-Ewwel Qorti ghamlet l-osservazzjoni illi ghalkemm kien hemm patteggjament dwar il-piena bejn l-Avukat Generali u l-akkuzata Hernandez Munoz, ma setax jinghad l-istess fir-rigward tal-akkuzat l-iehor Montenegro Martinez.

**10.** Illi, ghall-finijiet ta` piena, wara li ghamlet ezami tax-xiehda u ta` l-atti nkluz d-dokumenti esebiti, kif ukoll wara li ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha, il-Qorti Kriminali esprimiet ruhha fis-sens illi fil-każ ta' Hernandez Munoz kellha taderixxi mat-talba konġuntiva li saret skont l-artikolu 392B(5) tal-Kodiċi Kriminali, waqt li ghar-rigward ta` Montenegro Martinez, il-Qorti Kriminali dehrilha li kellha tinfliggi l-istess piena bhal dik tal-akkuzata l-ohra.

**11.** Illi wara li rat l-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 13, 14, 15, 15A, 16, 17, 18, 22(1)(a)(d)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(ii) (3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22(A), 24A, 26 u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 2 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodici Kriminali, il-Qorti Kriminali kkundannat lil Hernandez Munoz u lil Montenegro Martinez ghal piena kull wiehed ta' prigunerija effettiva ta' dsatax il-sena (19), flimkien ma` multa ta' erbghin elf ewro (€40,000), li jekk ma tithallasx puntwalment, kellha tigi konvertita fi tmintax il-xahar prigunerija.

**12.** Illi barra minn hekk it-tnejn kienu kundannati sabiex ihallsu s-somma ta' elfejn, sitt mija, tlettax-il ewro u erbghin centenzmu (€2,613.40) kull wiehed, rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi, skont l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, b`dan illi jekk dawn l-ispejjez ma jithallsux fi zmien sena mid-data tas-sentenza, kellhom jigu konvertiti f'terminu ta' prigunerija skont il-ligi.

**13.** Illi b`zieda ma` dak li nghad fil-paragrafi precedenti, il-Qorti Kriminali ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli ohra tal-hatja.

**14.** Illi finalment il-Qorti Kriminali ordnat illi, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota fi zmien hmistax-il (15) jum mid-data tas-sentenza appellata, li d-droga esebita hija mehtiega ghal konnessjoni ma' xi proceduri kriminali ohra kontra terzi persuni, id-droga kollha esebita u l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, kellhom jigu distrutti, a kura tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur tal-Qorti Kriminali, li kellu jaghmel verbal ta' tali

distruzzjoni, u jingieb a konjizzjoni tal-Qorti, b'nota appozita b'kopja li ghandha tigi innotifikata lill-Avukat Generali u lill-hatja.

## VII. Il-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti

**15.** Il-konsiderazzjonijiet li abbazi taghhom l-Ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha dwar il-piena fil-konfront taz-zewg hatja kienu dawn :-

(a) Qieset il-ġurisprudenza lokali u estera fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna taghmel ammissjoni bikrija, fejn tfasslu linji gwida li qorti ghandha issegwi. Hemm referenza ghal dawn il-linji gwida fid-decizjonijiet : "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**" [24.2.1997] (Qorti Kriminali) ; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri**" [5.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali) ; "**Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**" [17.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali) ; kif ukoll fil-BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (Blackstone Press Limited 2001 edit)

(b) Qieset illi kienet instabet fil-pussess taz-zewg akkuzati ammont sostanzjali ta` droga. Qorti ma setghetx tiskarta fattur tant determinanti meta tigi biex tikkalibra l-piena li kellha tkun inflitta, ghalkemm Montenegro Martinez issottometta li ma kellhiex tkun dik l-unika konsiderazzjoni.

(c) Qieset illi l-akkuzati kienu kkoperaw mal-Pulizija tant illi t-tnejn ibbenefikaw mill-applikazzjoni ta' l-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta fil-massimu tieghu ta` zewg gradi.

(d) Qieset l-eta` zghira tal-akkuzati, l-isfond socjali ta` faqar taghhom u li ma kellhom l-ebda vizzju ta' droga. Fl-istess waqt, ma setghetx ma tqisx illi huma t-tnejn kienu accettaw li jdahhlu Malta kwantita` kbira ta' droga ghall-qliegh personali taghhom biss, minghajr ma hadu kont tal-hsara li bl-agir taghhom kienet sejra ssir ghas-socjeta` Maltija.

(e) Qieset illi sabiex bhala "couriers" jittrasportaw id-droga u jdahhluha Malta kienu sejrin jithallsu tajjeb. Id-droga kienet tikkonsisti minn hdax-il kilo kokajina b`purita` gholja ta' 40% li fis-suq kienet tiswa €500,000. Ghamlu dan b`ghajnejhom miftuha, u minghajr ingann jew theddid. Ghalhekk kellhom iwiegbu ghall-agir taghhom.

## **VIII. Ir-rikorsi tal-appell**

**16. Illi mis-sentenza tal-Ewwel Qorti, iz-zewg akkuzati ghamlu appell separatament.**

**17. Illi bhala kontenut, l-appelli huma <u>identici</u> mill-bidu sal-ahhar. Minn ezami tat-tnejn, l-unika differenza li tirrizulta hija l-isem ta` min kien qed jappella.**

**18. Billi huma identici, din il-Qorti sejra tqishom t-tnejn flimkien.**

## **IX. Ir-ragunijiet tal-appelli**

**19.** Illi z-zewg l-appellanti talbu r-riforma tas-sentenza tal-Ewwel Qorti in kwantu jirrigwarda l-piena fis-sens illi talbu lil din il-Qorti sabiex tinfliggi, fil-fehma taghhom, piena aktar xierqa.

**20.** Illi l-**<u>uniku aggravju</u>** ta' l-appellanti kien illi fil-fehma taghhom il-piena karcerarja u l-multa nflitti fil-konfront taghhom kienu eccessivi tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz.

**21.** Illi l-appellanti sostnew l-aggravju taghhom billi :-

(a) Fl-ewwel lok, issottomettew li l-Qorti Kriminali ma zammitx f`mohha il-fatt li r-rikorrenti kienu ta` eta` zghira.

(b) Fit-tieni lok, kienu tal-fehma li l-Qorti Kriminali ma apprezzatx bizzejjed il-fatt li huma kienu persuni vulnerabbli hafna u li terzi persuni rnexxielhom japprofittaw mill-vulnerabilita` taghha stante li kienu gejjin minn familji foqra.

(c) Fit-tielet lok, sostnew li l-hlas li kellhom jircievu bhala "couriers" kien proprju sabiex ighinu l-familji taghhom.

(d) Fir-raba` lok, skont huma, ma kienx hemm apprezzament xieraq tal-ammissjoni bikrija taghhom, tal-fatt li kkoperat bis-shih mal-

Pulizija, u sahansitra taw informazzjoni li ghenet lill-Pulizija sabiex jarrestaw zewg persuni ohra (li kontra taghhom ittiehdu proceduri kriminali) ;

(e) Fil-hames lok, ighidu li l-ghajnuna li ghaddew lill-Pulizija kienet konkreta tant li bbenefikaw mill-applikazzjoni favur taghhom tal-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta` Malta b`zewg gradi;

(f) Ighidu wkoll dwar il-multa li ma kellhomx mnejn ihallsuha ghaliex skont huma anke jekk jahdmu waqt it-trapass tas-sentenza, fl-ebda stadju ma sejjer ikollha xejn mnejn thallas;

(g) Skont l-appellanti, iddipjaciehom b`kull ma gara; li gralhom kien frott ta` mument ta` debbolezza.

## X. <u>Ir-risposti tal-appell</u>

**22. Illi l-Avukat Generali wiegeb ghaz-zewg appelli b`mod separat.**

**23. Illi bhala kontenut, ir-risposti huma <u>identici</u> mill-bidu sal-ahhar. Kif kien il-kaz tal-appelli, l-unika differenza li tirrizulta fiz-zewg risposti hija l-isem ta` min kien qed jappella.**

**24. Anke f`dak il-kaz, billi r-risposti huma identici, din il-Qorti sejra tqishom t-tnejn flimkien.**

## XI. <u>Ir-risposti tal-Avukat Generali</u>

**25.** Illi, wara li jiccita gurisprudenza, l-Avukat Generali jghid hekk :-

... *illi meta persuna tammetti ghall-imputazzjonijiet dedotti kontriha u meta persuna tippersisti f`tali ammissjoni, anke wara li hija nghatat ftit zmien biex tirrifletti fuq il-konsegwenzi ta` l-ammissjoni taghha ... tali ammissjoni tekwivali ghal verdett unanimu tal-gurati.*

*... illi f`kazijiet bhal fil-kaz tal-appellant, meta persuna tkun ammettiet ghall-imputazzjonijiet dedotti kontriha, huwa xi ftit jew wisq*

*odjuz appell minn piena sakemm din tirrientra fil-limiti li tipprefegi l-ligi. Dawn huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista` tasal ghaliha.*

*Illi ... meta mponiet il-piena fuq l-appellant, il-Qorti Kriminali evalwat il-fattispecie kollha tal-kaz u hadet diversi fatturi fil-kunsiderazzjonijiet taghha kif jidher ampjament car mis-sentenza ...*

## XII. <u>It-trattazzjoni bil-fomm</u>

**26. Illi ghalkemm saret trattazzjoni bil-fomm, kull parti qaghdet fuq il-posizzjoni taghha, kif espressa fl-atti miktuba.**

**27. L-unika fatt li ma jirrizultax fl-atti miktuba huwa r-referenza tal-appellanti ghad-decizjoni li tat din il-Qorti diversament komposta fid-9 ta` April 2018 fil-kawza "<u>The Republic of Malta v. Carine Rose-Marijke Donckers et</u>" ("<u>Donckers et</u>")**

## XIII. <u>Konsiderazzjonijiet ta` din il-Qorti</u>

**28.** In materja ta' piena, il-prinċipju regolatur huwa li mhux normali li din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti fl-għoti tal-piena sakemm din ma tkunx toħroġ barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt ingħatat.

(ara fost ohrajn : is-sentenzi ta` din il-Qorti fl-ismijiet : "**Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella"** tal-14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003 ; **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003)

**29. Dan premess, tajjeb jinghad illi ghar-rigward tal-piena, m`ghandux ikun hemm l-icken dubju f`mohh hadd li l-piena li kienet inflitta mill-Ewwel Qorti fil-kaz tal-lum hija fil-parametri tal-liġi.**

**30.** Tajjeb li jkun riaffermat il-principju li aktar ma jkun gravi r-reat, aktar il-ħati jqiegħed lilu nnifsu fis-sitwazzjoni fejn ma jistax jaħrab milli jiġi punit

skont il-liġi. U ma hemm l-ebda dubju li r-reati li bihom kienu akkuzati l-appellanti, **u li ghalihom ammettew**, huma reati gravi.

**31**. Il-pieni m'għandhomx biss skop riformattiv iżda għandhom l-iskop ukoll li jservu ta' deterrent ġenerali.

**32.** Fis-sentenza taghha tad-19 ta' Frar 2004 fl-ismijiet **"Ir-Repubblika ta' Malta v. Basam Mohamed Gaballa Ben Khial"** din il-Qorti diversament komposta rrimarkat illi :-

*"fejn si tratta ta' traffikar tad-droga (inkluża importazzjoni) l-element tad-deterrent ġenerali fil-piena hija konsiderazzjoni ewlenija li kull Qorti ta' Ġustizzja Kriminali għandha żżomm f'moħha fil-għoti tal-piena, basta, s'intendi, li jkun hemm element ta' proporzjonalita` bejn il-fattispeċi partikolari tal-każ u l-piena erogata"*

**33.** Fis-sentenza ta' din il-Qorti (diversament komposta) tas-16 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet **"Ir-Repubblika ta' Malta v. Thafer Idris Gaballah Salem"** inghad :-

*"Ma hemmx dubbju li l-element ta' deterrent, speċjalment fil-każ ta' reati premeditati (a differenza ta' dawk li jiġu kommessi "on the spur of the moment") hi konsiderazzjoni leġittima li Qorti tista', u ħafna drabi għandha, iżżomm quddiem għajnejha fil-għoti tal-piena …. S'intendi, hemm dejjem l-element tal-proporzjonalita`: qorti ma tistax, bl-iskuża tad-"deterrent", tagħti piena li ma tkunx ġustifikata fuq il-fatti li jirriżultaw mill-provi."*

**34.** L-appellanti jirreferu ghall-kaz ta` **Donckers et** sabiex isostnu li kellhom jigu trattati diversament. Jaghmlu l-argument li fil-kaz ta` **Donckers et** id-droga mportata kienet ta` 15-il kilo, il-persuni nvoluti kienu gew Malta darbtejn, u ghar-reati li bihom kienu akkuzati, u li ghalihom ammettew, kienu kkundannati ghal 19-il sena prigunerija, mentri fil-kaz taghhom, kienu gew Malta dik id-darba biss, kellhom 11-il kilo droga, u xorta kienu kkundannati ghal 19-il sena prigunerija.

**35.** Din il-Qorti b`mod konsistenti nsistiet illi l-paraguni huma odjużi, specjalment fil-kaz ta` ammissjoni tal-akkuzi. F`dan il-kaz, l-appellanti ammettew quddiem l-Ewwel Qorti l-akkużi dedotti kontra taghhom, u ppersistew fl-ammissjoni taghhom, anke wara li ngħataw żmien biex jirriflettu dwar il-konsegwenzi ta' l-ammissjoni taghhom. L-appellanti Hernandez Munoz sahansitra ppattegjat il-piena. Tajjeb li jkun riaffermat illi bl-ammissjoni, l-akkuzat ikun qiegħed jassumi r-responsabilita` tad-

deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għal kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha. L-ammissjoni tekwivali għal verdett unanimu tal-ġurati.

**36.** Ighid **<u>Archbold</u>** fil-**"<u>Criminal Pleading, Evidence and Practice - 2001</u>"** (para. 5-174, p. 571) :

*"The court will not make comparisons with sentences passed in the Crown Courts in cases unconnected with that of the appellant (see R. v. Large, 3 Cr.App.R.(S) 80, C.A.)."*

**37.** Fil-pag 1695, para. D23-45, ta` **<u>Blackstone's Criminal Practice 2004</u>** jinghad illi :-

> *"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '... that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."*

**38.** Riferibbilment ghaz-zewg appelli tal-lum, din il-Qorti tosserva illi r-ragunijiet kollha li ressqu l-appellanti fir-rikorsi tal-appell sabiex isostnu l-uniku aggravju taghhom kienu trattati u kkunsidrati mill-Ewwel Qorti meta giet biex tikkalibra l-piena. Fir-rikorsi tal-appell ma jirrizultawx konsiderazzjonijiet godda li ma kienux meqjusa mill-Ewwel Qorti. L-uniku argument gdid li ssemma fil-kors tat-trattazzjoni bil-fomm (u li ma kienx issemma` fir-rikorsi ta` appell) kienet ir-referenza ghas-sentenza fil-kaz ta` **Donckers et**.

**39.** Din il-Qorti tqis bhala **oggettivament inkomprensibbli** kif l-appellanti Hernandez Munoz tipprezenta appell limitat ghall-piena meta l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet dik li Hernandez Munoz stess kienet ippatteggjat dwarha mal-Avukat Generali wara li ammettiet l-akkuzi u li l-Ewwel Qorti approvat wara l-presentata tar-rikors konguntiv tal-Avukat Generali u ta` l-istess Hernandez Munoz. Din il-Qorti ma tasalx ghall-istess konsiderazzjoni fil-kaz tal-appellant l-iehor Montenegro Martinez ladarba ghazel li ma ppatteggjax il-piena mal-Avukat Generali.

**40.** In kwantu jirrigwarda l-quantum tal-piena, din il-Qorti hija tal-fehma li z-zewg appellanti kellhom jinghataw l-istess piena, anke jekk Hernandez Munoz ippatteggjat, ghaliex il-posizzjoni taghhom it-tnejn fil-kommissjoni tar-reati, li bihom kienu akkuzati, ghal liema reat ammettew, kienet l-istess. Kienet ukoll l-istess il-qaghda taghhom fl-isfond tal-fatti u c-cirkostanzi tal-kaz.

**41.** Tajjeb jinghad illi assolutament ma hemm l-ebda garanzija jew obbligu fuq il-ġudikant sedenti li l-piena fil-konfront tal-akkużat li jkun ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu tiġi mnaqqsa għas-sempliċi fatt li hu jkun ammetta, dment dejjem li l-piena mposta tkun kif inghad fil-parametri tal-liġi. Fis-sentenza li tat din il-Qorti (diversament komposta)

fil-5 ta` Lulju 2002 fl-ismijiet "**<u>Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Camilleri</u>**" inghad illi :-

*"l-ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena".*

**42.** Din il-Qorti qieset jekk il-piena erogata, ghalkemm fil-parametri tal-ligi, kenitx eccessiva nkella le. Tghid illi l-piena ma kenitx sporporzjonata u lanqas eccessiva.

**43.** Apparti r-ragunijiet indikati fid-dottrina u fil-gurisprudenza diga` citata, l-appellanti ma jistghux jaghmlu l-argument illi kienu trattati b`mod iebes izzejjed mill-Ewwel Qorti fl-isfond tas-sentenza ta` **<u>Donckers et</u>**. Ghalkemm f`dak il-kaz id-droga kienet ta` 15-il kilo, u tal-lum kienet 11-il kilo, jibqa` l-fatt illi 11-il kilo droga huma ammont gholi meta tqis id-daqs ta` pajjizna. Inoltre kellha purita` notevoli ta` 40% li hija meqjusa bhala gholja. Kellha *street value* ta` €500,000. L-appellanti thallsu US$ 5,000 kull wiehed biex jaghmluha ta` korrieri tad-droga. Ghad-differenza ta` **<u>Donckers et</u>**, l-ammissjoni taz-zewg appellanti odjerni saret proprju fl-ghatba tal-guri wara li kienu ngabru l-provi kollha mentri **<u>Donckers et</u>** kienu ammettew mal-presentata.

**44.** Din il-Qorti hija tal-fehma li z-zewg appellanti mhux biss inghataw piena li tinkwadra ruhha sewwa fil-parametri tal-ligi, izda kienu trattati mill-Ewwel Qorti bi proporzjon u skont il-haqq. Ghax kien haqqhom inghataw riduzzjoni fil-piena ta` zewg gradi fit-termini tal-Art 29 tal-Kap 101. Fil-kalibrar tal-piena, l-Ewwel Qorti hadet linja bilancjata u artikolata billi hadet in konsiderazzjoni l-fatti kollha rilevanti, bla ma skartat xejn.

**45.** Safejn iz-zewg appelli jirrigwardaw l-ispejjez tal-perizji, dawn jirrasentaw il-fieragh ghaliex skont l-Art 533 tal-Kodici Kriminali, l-Ewwel Qorti ma kellhiex diskrezzjoni u kienet obbligat timponi l-hlas ta` dawk l-ispejjez liz-zewg appellant. L-istess sejra taghmel anke din il-Qorti.

**46.** Premess dan kollu, u wara riflessjoni fit-tul, din il-Qorti ma ssib xejn, la mir-ragunijiet li jifformaw il-bazi taz-zewg appelli, u lanqas minn dak li semghet fil-kors tat-trattazzjoni bil-fomm, ghalfejn ghandha tibdel l-ghoti tal-piena li tat l-Ewwel Qorti fil-konfront taz-zewg appellanti.

**Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata kif mogħtija fil-konfront ta' Lorena Vanessa**

**Hernandez Munoz u ta` Hector Antonio Montenegro Martinez, b`dan illi z-zmien ta` hmistax (15) –il jum sabiex l-Avukat Ġenerali jindika b'nota jekk id-droga esebita hijiex meħtieġa in konnessjoni ma' xi proċeduri kriminali kontra terzi persuni jibda jiddekorri millum.**

**S.T.O. Prim Imħallef Joseph Azzopardi**

**Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon**

**Onor. Imħallef Giovanni M. Grixti**